

*Iż-żmien għandu ħabta jnessi. Li jnessi ħwejjeġ koroh hi ħaġa tajba, iżda li jnessi ġrajjiet pożittivi mhix għax wara kull ġrajja pożittiva jkun hemm persuni li ma jkun jixraq qatt li jintesew. Għalhekk iddeċidejt li f'din il-kitba tiegħi hawnhekk, din id-darba niġri ġirja ma' numru ta' ismijiet u npoġġi bħala titlu l-mistoqsija*

# Kemm tiftakar u kemm taf minn dawn?

**minn Horace Muscat, Aġent Patrun**



Sa fejn naf jien qatt ħadd ma kiteb fuq dan is-suġġett b'dan il-mod minn kemm l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu ilha toħroġ dan il-ktieb tal-festa, jiġifieri mill-1947. Għalhekk iddeċidejt li flok naqbad suġġett partikolari u nitkellem dwaru, naqbad ma' numru mhux ħażin ta' ismijiet u nsemmihom f'dan il-ktieb. L-ewwelnett nibda biex ngħid li kull isem, b'mod jew b'ieħor ta kontribut lill-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu u għalhekk inħossu dmiri li nsemmi lil dawn in-nies.

U nibda bis-Sur Gavino Portelli, l-ewwel President ta' din l-Għaqda. Jiena personalment qatt ma naf li ltqajt miegħu, biss kelli x-xorti li niltaqa' ma' familjari tiegħu u tkellimt magħhom dwaru. Tajjeb wieħed igħid li s-Sur Gavin Portelli kien ukoll President ta' l-Għaqda Mużikali San Ġużepp qabel ma sar l-ewwel President tagħna. Minn riċerka li kont għamilt kont iltqajt ma' episodju fejn dan is-Sur Portelli kien għamel wegħda li jekk ikollu tifel kien jagħmel statwa ta' Injazju Falzon għall-knisja ta' Ġieżu l-Belt. Meta kellimt lill-patrijiet Franġiskani kif ukoll lil Mons. Philip Calleja, u tajtu kopja tal-gazzetta **Malta** tas-27 ta' Ġunju 1912, fejn sibt dan it-tagħrif, huwa qalli li ma kien jaf b'xejn.



*Francesco Buttigieg, Fundatur ta' l-Għaqda*

Indur biex ngħid xi ħaġa dwar xi individwi mill-ewwel Kumitat ta' l-Għaqda. Nibda mill-Kappillan tal-Ħamrun, ir-Rev. Ġużeppi Muscat. Kuntrarju għal dak li kien iseħħ f'lokalitajiet oħra, Dun Muscat kien President Onorarju ta' l-Għaqda. Viċi President Onorarju (kariga li ma kienx hemm f'lokalitajiet oħra) kienet okkupata mit-tabib tal-Ħamrun, Dott. D. Margueret.

Sadanittant il-Viċi President kien is-Sur Salvu Borg, is-Segretarju is-Sur Salvatore Testa waqt li Kaxxier kien is-Sur Paolo Farrugia. Kien hemm 60 membru li minn fosthom kien hemm dawn il-membri fundaturi li mxew wara Francesco Buttigieg, il-fundatur ewlieni ta' l-Għaqda u li kien il-mutur li wassal għat-twaqqif ta' din l-Għaqda. Mela, fost il-membri li kienu fundaturi nsemmi lil Antonio, Gejtu u Salvu Buttigieg (ħut Francesco), Pawlu Burlò (fundatur tal-kappella tal-Kunċizzjoni li wara saret it-tieni parroċċa Ħamruniża), K. Calleja, K. Camilleri, S. Cassar, G. Ciancio, B. Cordina, G. Deguara, S. Deguara, K. Denaro, G. Fleri, W. Fleri, S. Gauci, P. Magri, F. Mallia, G. Mallia, N. Mallia, F. Mizzi, W. Quinter, K. Storace, N. Tabone, G. Zammit u G. Zammit. Dawn kollha jidhru mniżżla fl-irħama tal-fundaturi ta' l-Għaqda li kienet saret fl-1981 u li l-familja Custò kien għoġobha tħallas u tirregalha b'tifkira ta' l-għażiż missierhom li kien ħadem ħafna wkoll ġewwa l-Każin matul is-snin.



*Is-Sur Gavino Portelli, l-ewwel President ta' l-Għaqda*

Jien niftakar lil ħafna minn dawn il-persuni msemmija hawn fuq. Kont għadni daqsxejn ta' żagħżugħ u għalhekk xejn ma kien faċli li dawn joqgħodu jitkellmu miegħek. L-istorja tagħhom f'dawk is-snin bikrija ta' l-Għaqda qatt ma nkitbet. L-ewwel pass lejn din id-direzzjoni sar meta qorob il-ġublew tad-deheb ta' l-Għaqda (1956), meta l-mibki Dun Frans Camilleri u s-Sur Ġużi Debattista, bdew jintervistaw lil dawk il-ftit li kien għad baqa' ħajjin minn fost il-fundaturi.

Tajjeb ngħid li dak iż-żmien fl-istess uffiċju li kien juża s-Segretarju, kien hemm ukoll l-uffiċju tal-Kaxxier. Fl-1956 jien kont il-Kaxxier ta' l-Għaqda u għalhekk meta kienu jsiru l-intervisti fl-uffiċju, jien kont inkun hemm nagħmel xi xogħol relatat mal-kariga tiegħi, u kont nisma' r-rakkonti kollha.



*Is-Sur Francesco Portonier, President Onorarju fi snin għoxrin.*

Fis-sena 1925/26 insibu li l-Kumitat kien kompost minn dawn il-persuni: Presidenti Onorarji, l-Illustrissimu Nobbli Markiż Barbaro ta' San Ġorġ, is-Sur Charles Sydney Henry, in-Negozjant F. Portanier, u s-Sur Gavino Portelli; President, is-Sur R. Bencini; Viċi President, is-Sur G. Zammit; Segretarju (pro temp) is-Sur V. Spiteri; Asst. Segretarju, is-Sur M. Saliba; Kaxxier, is-Sur A. Ciancio; Asst. Kaxxier, is-Sur F. Caruana. Membri kienu s-Sinjuri G. Vella, M. Buttigieg, G. Grech, S. Farrugia, P. Tabone, u H. Campbell. Rappreżentanti tal-Banda kienu S. Buttigieg, P. Calleja, u G. Bonnici. Surmast Direttur kien Mro. Gianni Grech u Asst. Surmast kien Mro. Antonio Zammit.

Minn dawn jien servejt fil-Kumitat għal numru ta' snin mas-Sur Robert Bencini. Lis-Sur F. Portanier niftakru, kif ukoll niftakar lis-Sinjuri G. Zammit, A. Ciancio, F. Caruana, S. Buttigieg u G. Grech. Lil dan ta' l-aħħar niftakru Segretarju ta' l-Għaqda. Mis-Surmastrijiet jien l-aktar li niftakar hu lil Mro. Antonio Zammit bħala Surmast.

Nerġa' ndawwar is-suġġett u mmur għas-sena 1911. Nhar id-29 ta' Ġunju, festa ta' San Pietru u San Pawl, kien ġie inawgurat ir-raba' lokal li serva lill-Għaqda bħala s-sede tagħha. Illum il-post huwa dar privata. Dakinhar il-President ta' l-Għaqda kien l-avukat Pier Giuseppe Frendo, persuna prominenti f'dak iż-żmien u fis-snin ta' wara.

Immur għas-snin 30. Persuni li kienu jiffurmaw parti mill-Kumitat kienu s-Sur Robert Bencini (President – ġa semmejtu) u s-Sur Salvu Caruana Dingli (Viċi President), s-Sur V. Delali (Asst. Segretarju), s-Sur C. Camenzuli (Asst. Segretarju), is-Sur F.S. Muscat (Kaxxier), is-Sur J. Montfort (Asst. Kaxxier), is-Sur H. Mifsud (Direttur Ġenerali), is-Sur U. Natoli (Asst. Direttur Ġenerali). Membri kienu s-Sinjuri A. Borg, C. Buhagiar, S. Cassar, P. Delali, J. Magro, J. Muscat, J. Lateo, D. Spiteri u G. Zammit.



*Mro. Antonio Zammit ma' allievi tal-banda fl-1930.*

Niftakar lil uħud minn dawn il-persuni jattendu l-Palazz Thiene meta jien kont għadni żgħir sewwa. Dak iż-żmien kont noqgħod viċin il-Każin u spiss konna nidħlu jew biex nilagħbu jew għal xi tombla, u hekk. Biss meta konna xi darba noqgħodu nisimgħu d-diski f'kamra fid-dlam li llum hi parti mill-bar u



*Il-Kumitat ta' l-Għaqda tas-sena 1931 - għeluq il-25 anniversarju.*

m'għadhiex teżisti, malajr kienu jwaqqfuna u ma jħalluniex. Biss meta tbiddlu xi nies fil-Kumitat kif ukoll aktar tard meta dħalna fil-Kumitat uħud minna, dawn l-użanzi tbiddlu.

Is-suġġett li qbadt illum hu perikoluż għax hemm wisq u wisq aktar ismijiet u wara kull isem hemm persuna mimlija b'ideat u bi ġrajjiet. Nixtieq insemmi aktar, nagħti dettalji dwar dawn in-nies, nelabora dwar ħidmiethom, iżda dan ma nistax nagħmlu f'dan l-ispazju.

Aktar minn kollox, l-idea tiegħi ma kinitx dan, għax naf li biex tagħmel hekk trid ktieb voluminuż. L-idea tiegħi kienet li nara ismijiet tal-passat mitbugħa f'dan il-ktieb li qed joħroġ fil-mija u sentejn ta' ħajja ta' l-għażiża Għaqda tagħna, ismijiet li nittama li mhux biss qatt ma jintesew u li nibqgħu grati għas-sehem li taw lill-Każin tagħna, iżda wkoll b'tama li jqanqlu kurżità, l-aktar fost iż-żgħażagħ biex kulħadd jgħaraf li lkoll kemm aħna, aħna ħolqa f'katina soda li sawret lil din l-Għaqda.

Ħoloq tal-bieraħ... ħoloq tal-lum... u għad ikun hemm il-ħoloq futuri – u l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu tibqa' hemm, soda, qawwija u ċentru ta' Strada Rjali.


Ta' Valletta

L'Ikbar Għazla...
...B' l-aqwa prezz



• Statwi u Bambini ta' Spanja "Spanish Prestige" • Statwi ta' l-Italja "Arte Religiosa"
• Statwi taċ-ċeramika u resin tajbin għal barra • Statwi titulari ta' Malta u Għawdex
• Raġġieri ta' Spanja u tad-dawl • Xema ta' kull tip u daqs • Liedna maħduma u paketti

Uri dan ir-riklam meta tiġi tixtri statwa mingħand Ta' Valletta u tingħata skont ta' 5%

Ta' Valletta – 222 High Street, Ħamrun ĦMR 06
Tel : 21239157 – 21235101 • Mob : 99421683 • Fax : 25401122 • Email: cedric@keyworld.net